MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Numru 724/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

Martin Cachia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat kontra l-imputat Martin Cachia ta'karta ta' identita' numru 235859(M), akkuzat:

Talli fis-26 ta' Novembru 2001 u fiz-zminijiet precedenti, fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ffalsikika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamel uzu ta'

sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom inidkazzjoni li seta' jqaraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew beghed tali merkanzija; jew xjentement qedghed fic-cirkolazzjoni, beghed jew zamm ghandu ghall-bejgh jew impirta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cieo' numru ta' CD's foloz. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew beghed, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. Dan bi ksur ta'l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"B'hekk titqies li operajt minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta' l-AL120 tal-1992".

Kif ukoll sar recediv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma mfasla fuq l-artikolu 298 sub-artikolu 1 incisi (a) (b) (c) (d) tal-Kap 9 jigifieri reati konnessi mal-qerq fil-kummerc jew industrija; fuq l-artikolu 298B ta' l-istess citat Kap li jittratta l-ksur ta' drittijiet ta' l-awtur; fuq l-Avviz Legali 120/1992 li ghal skop ta' dan il-kummerc ma kienx hemm licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; ukoll bir-recidiva a bazi tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9.

Illi l-materjal kostitwenti l-allegat reat jikkonsisti f'compact diskettes u parafernelia simili li deskrizzjoni dettaljata taghha tinsab migbura fid-Dok MB1 annessa mar-relazzjoni tal-espert tekniku nominat Martin Bajada. Jirrisulta mir-relazzjoni li b'kollox bejn compact diskettes u digital video discs kien hemm 2502 li kollha gew iccertifikati li huma mhux konformi fil-kwalita', fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar ma' prodott licenzjat mill-awtur rispettiv.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti l-prova cara u konklussiva hija ristretta u limitata ghall-pussess ghal skop ta' bejgh ta' dan il-materjal stante c-cirkostanzi li instabu - fuq il-monti tas-suq tal-Belt gewwa baskett. Jidher ghalhekk li l-akkuzi jistghu jigu lkoll assorbiti f'dak li jipprovdi l-Artikolu 298B tal-Kap 9 li jistqarr fis-subartikolu 1 li: "kull min, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, jistampa, jimmanufattura, jidduplika jew mod iehor jirriproduci jew jikkopja jew ibiegh, iqassam, jew mod iehor joffri ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, jehel….".

Illi jidher assodat li tali drittijiet jispettaw lill-kwerelanti.

Illi f'dan l-ahhar stadju ghalhekk li jonqos hi l-prova li l-materjal kien tal-imputat jew li kellu il-pussess tieghu. Dina l-prova izda u fil-fehma tal-Qorti ma gietx provduta sal-grad rikjest. Kien naturalment jespetta lill-prosekuzzjoni li tipprova sal grad rikjest, jigiefieri minghajr dubbju dettat mir-raguni, li l-materjal inkriminat kien jew kellu pussess tieghu l-imputat. Fil-kaz in disamina dak li jirrisulta wisq car hu li l-imputat kellu posta fis-suq tal-Belt bin-numru 113 bid-debita licenzja. Jirrisulta li minn din il-posta l-imputat kien qieghed ibiegh flokkijiet. Jirrisulta wkoll li fuq kull naha kien hemm posti muniti bis-CD's ghall-bejgh. Issa l-fatt li l-baskett in kwistjoni instab qrib izda mhux gewwa l-perimetru tal-posta tal-imputat abbinat mal-fatt li l-imputat gie osservat icaqlaq baskett minn taht it-tilar u d-diskors li sar minnu lill-Pulizija – "halliena naqalaw lira" – huma wisq tenuwi u generici bhala prova li biha dina l-Qorti tista serenament issib htija. Id-dubbju jibqa jippersisti

ta' minn kien il-materjal u ghalhekk hi applikabbli l-massima “in dubio pro reo”.

Tiddecidi ghalhekk stante li l-akkuzi ma gewx sodisfacjentament pruvati li tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------